Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/2018

**Vladimir Repan (appellant)**

**vs**

**Direttur għal Affarijiet dwar Ċittadinanza u Expatriates**

**(appellat)**

16 ta' Ottubru 2018.

1. **Din il-kawża tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk id-drittijiet tal-appellant, bħala cittadin tal-Unjoni Ewropea, għall-moviment liberu f'Malta għandhomx ikunu ristretti *ai termini* tal-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji tagħhom (Leġ. Suss. 460.17)**

2. Permezz ta' ittra datata 25 ta' Lulju 2017[1] mibgħuta minn "Identity Malta", u ffirmata minn Ryan Spagnol, Vladimir Repan ġie infurmat illi *ai termini* tal-Artikoli 12 u 14(1) tal-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji tagħhom (Leġ. Suss. 460.17):

"*your rights of free movement in Malta are being restricted on grounds of public policy and public security. Such decision is being taken in light of your conviction on grevious offences related to the importation of drugs.*"

Fl-istess ittra ġie imwissi illi:

"*your stay in the country following one month from the date of this letter would be in violation of the Immigration Act, Chapter 217 of the Laws of Malta.*"

[1] Dok A

3. Fl-4 ta' Awwissu 2017, Vladimir Repan appella quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fejn talbu jirrevoka d-deċiżjoni ta' "Identity Malta" u dan għaliex:

*"Identity Malta has only cited Mr Repan's conviction as constituting the basis for its decision. In particular, Identity Malta has not shown that Mr Repan's personal conduct represents a genuine, present, and sufficiently serious threat affecting one of the fundamental interests of society as are public policy and public security.*

*On the very contrary, the facts reproduced above clearly illustrate that Mr Repan has taken full advantage of his term in Prison to completely reform himself, and to earn the trust of society just as he earned the trust of the very Prison Authorities as well as of the Court and of this employer."*

4. Fis-26 ta' Diċembru 2017 il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni **ċaħad** l-appell ta' Vladimir Repan. Huwa irritjena illi għalkemm l-Artikolu 12(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.12 jipprovdi li deċiżjoni għar-restrizzjoni tal-moviment liberu ta' persuna għandha tkun ibbażata fuq l-imġieba personali tagħha, u li l-kundanni kriminali preċedenti ta' dik il-persuna ma jikkostitwixxux, fihom infushom, bażi biex tittieħed id-deċiżjoni, l-istess artikolu ma jispeċifikax illi l-istat Membru għandu jqis biss il-kondotta tal-persuna waqt jew wara l-perjodu tal-priġunerija. Żied jgħid li l-kompitu tiegħu mhux li jara jekk l-appellant irriformax ruħu, iżda sempliċiment li jara jekk id-Direttur tad-Dipartiment għal Affarijiet dwar Ċittadinanza u Expatriates applikax il-liġi korrettement, u rriżultalu li hekk kien il-każ.

5. Vladimir Repan ħassu aggravat b'tali deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u għalhekk fl-4 ta' Jannar 2018 interpona l-appell odjern quddiem din il-qorti, fejn talabha tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tiddeċiedi minflok billi tilqa' l-appell li ressaq quddiem il-Bord, bl-ispejjeż kontra l-appellat.

6. **L-aggravju** ta' Vladimir Repan bażikament jikkonsisti fil-fatt li l-Bord dwar l-Immigrazzjoni fuq applikazzjoni korretta tal-liġi, messu laqa' u mhux ċaħad l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-25 ta' Lulju 2017. Il-punti li jressaq huma, in

suċċint, is-segwenti:

- L-unika raġuni in sostenn tad-deċiżjoni tal-25 ta' Lulju 2017 kienet il-kundanna kriminali preċedenti tiegħu;

- Fl-unika seduta li nżammet quddiem il-Bord (fit-13 ta' Settembru 2017), meta Ryan Spagnol (li huwa dak li ffirma l-ittra tal-25 ta' Lulju 2017) ġie mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx ikkonsulta ruħu mad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin dwar il-kondotta u l-imġieba tiegħu (Repan) tul is-snin li dam il-ħabs, huwa rrisponda fin-negattiv.

- Il-Bord ma għamel l-ebda aċċenn għax-xiehda ta' Ryan Spagnol.

- Għalkemm il-Bord irritjena li l-imġieba tal-persuna konċernata m'għandhiex tkun limitata biss għall-perjodu waqt jew wara l-priġunerija, iżda wkoll għall-perjodu qabel il-priġunerija, huwa fil-fatt illimita ruħu biss għall-kunsiderazzjoni tal-kundanna kriminali (cioe` l-perjodu qabel il-priġunerija) u ma ried ikun jaf xejn dwar il-kondotta tiegħu fiż-żmien ta' wara l-priġunerija.

- Mhux minnu li l-funzjoni tal-Bord hija "*simply to assess whether the Director applied the applicable legislation properly*", għaliex skont l-Artikolu 14(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17, il-Bord għandu:

  (i) jeżamina l-legalita` tad-deċiżjoni tat-tneħħija, kif ukoll

  (ii) jeżamina il-fatti u ċ-ċirkostanzi li fuqhom hija bbażata l-miżura proposta u

  (iii) jiżgura li d-deċiżjoni mhix waħda sproporzjonata.

- Il-Bord kellu jagħti kunsiderazzjoni serja għas-sottomissjonijiet tiegħu, in ottemperanza mal-prinċipju fundamentali tad-dritt naturali tal-*audi alteram partem.*

- L-interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi da parti tal-Bord huma ta' preġudizzju għalih, li llum mhux biss qed isegwi kors ta' studji ġewwa l-MCAST, iżda jinsab ukoll f'impieg sod u sikur ma' Frank Salt (Real Estate) Ltd, u qiegħed ukoll jonora l-opportunita` li tatu l-Qorti Kriminali biex iħallas il-multa lilu inflitta permezz ta' pagamenti mensili fuq perjodu ta' tliet snin.

7. Fit-28 ta' Mejju 2018 id-Direttur għal Affarijiet dwar Ċittadinanza u Expatriates **wieġeb għall-appell** ta' Vladimir Repan u sostna li d-deċiżjoni tal-Bord hija

ġusta u timmerita konferma.

- Fl-ewwel lok jargumenta illi ai termini tal-Artikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217) appell mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jista' jsir biss fuq punt ta' dritt, mentri l-aggravju tal-appellant hu dwar fatti.

- Il-fatt li l-appellant qed jistieden lil din il-qorti biex tevalwa x-xiehda ta' Ryan Spagnol jikkonsisti f'evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi. Fi kwalunkwe każ jargumenta li ma kellu l-ebda obbligu imponut fuqu bil-liġi li jikkomunika mad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

- Il-kondotta tal-appellant qabel l-inkarċerazzjoni tiegħu kienet waħda pależament inġurjuża u kriminali, u joħroġ ċar mis-sentenza tal-Qorti Kriminali li kellu l-intenzjoni jimporta u jittraffika l-eroijna f'Malta, tant li weħel disa' snin priġunerija.

- Il-*Grand Chamber of the Court of Justice of the European Union*[2] (CJEU) f'kawża ċitata mill-Bord stess irritjena li reati ta' drogi perikoluzi f'assoċjazzjoni ma' persuni oħra jaqgħu kemm taħt "*imperative grounds of public security* (Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38/EC) kif ukoll taħt "*serious grounds of public policy or public security*" (Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2004/38/EC).

- Il-Bord ma kellu l-ebda dmir jara jekk l-appellant irriformax ruħu, iżda kellu biss jara jekk id-deċiżjoni tas-26 ta' Diċembru 2017 kinitx konformi mal-liġi.

- L-appellant kellu kull opportunita` jannetti d-dokumenti neċessarji fl-appell tiegħu quddiem il-Bord biex jissostanzja l-argumenti tiegħu.

- L-ilment tal-appellant fir-rigward tan-non osservanza tal-*audi alteram partem* huwa wieħed gratwit għaliex joħroġ ċar mid-deċiżjoni appellata li kellu kull ċans jippreżenta l-każ tiegħu.

**Sfond kronoloġiku:**

8. Mid-dokumenti ppreżentati fil-każ quddiem il-Bord, jirriżultaw is-segwenti fatti:

| | |
|---|---|
| 13.10.2011 | Vladimir Repan (ta' nazzjonalita` Slovakka) wasal Malta fuq titjira tal-Airmalta mill-Olanda via Brussell. L-uffiċjali tad-Dwana sabulu sustanza suspettuża fuqu u minn eżamijiet u analiżi li saru irriżulta li s-sustanza kienet |

[2] deċiża 23.11.2010

| | |
|---|---|
| | tikkonsisti fid-<u>droga erojina fl-ammont ta' 779.89 gramma</u>. |
| 02.10.2013 | Wara li ammetta l-akkużi kontrih, il-Qorti Kriminali iddikjaratu ħati (*inter alia*) talli assoċja ruħu ma' persuni f' Malta u barra minn Malta biex jimporta, jbiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. <u>Ikkundannatu għal piena ta' priġunerija għall-perjodu ta' disa' (9) snin flimkien ma' multa ta' €25,000</u>. |
| Ottubru 2015 | Waqt l-inkarċerazzjoni tiegħu, Repan beda jsegwi kors ta' BA (Hons) *Business Enterprise fl-Institute of Business Management and Commerce* fi ħdan l-MCAST. (Sa Lulju 2017 kien lesta t-tieni sena). |
| 19.07.2017 | Il-Qorti Kriminali laqgħet it-talba tiegħu biex il-multa ta' €25,000 titħallas f' <u>pagamenti rateali</u>, u ordnatlu jħallas is-somma ta' €695 kull l-aħħar tax-xahar għal 35 xahar b' €675 bħala l-aħħar pagament. |
| 25.07.2017 | <u>Sitt ijiem biss wara d-digriet tal-Qorti Kriminali</u>, Identity Malta ikkomunikat ma' Repan permezz ta' ittra fejn infurmatu li d-drittijiet tiegħu għall-moviment liberu f'Malta kienet qegħda tiġi restritta "*on grounds of public policy and public security. Such decision is being taken in light of your conviction on grevious offences related to the importation of drugs".* |
| 03.08.2017 | Ittra miktuba minn Kevin Dingli (Hospitaller, The Sovereign Military Hospitaller Order of St John of Jerusalem of Rhodes and of Malta) lis-Segretarju tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, fejn wara li għarrfu li Repan kien ser jappella mid-deċiżjoni ta' tkeċċija, <u>infurmah dwar l-imġieba tajba ta' Repan,</u> senjatament:<br>- li huwa involut fil-*Prison Ministry* immexxija mill-Ordni,<br>- li kien ikkompleta t-tieni sena ta' kors għal BA (Hons) fil-Business Enterprise u li kien ser jibda' t-tielet u l-aħħar sena,<br>- li kien għamel *community service work* f'diversi attivitajiet filantropiċi barra l-ħabs u<br>- li kien tant riformat li kien anke sab impieg mal-kumpanija Frank |

Salt (Real Estate) Ltd wara li agħmel "*work experience*" ta' ħames ġimgħat magħha.

03.08.2017 L-Avukat Ġenerali ippreżenta rikors urġenti fejn talab il-Qorti Kriminali tikkunsidra r-revoka *contrario imperio* tad-digriet tagħha tad-19 ta' Lulju 2017. Fost affarijiet oħra spjega lill-qorti li kienet inħarġet ordni ta' tkeċċija fil-konfront tiegħu li kienet ser tiġi eżegwita hekk kif ser joħroġ mill-ħabs fis-6 ta' Awwissu 2017, u li għalhekk kien ser ikun impossibbli għall-awtoritajiet Maltin li jassiguraw l-eżekuzzjoni tad-digriet tad-19 ta' Lulju 2017, u fl-aħħar mill-aħħar l-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2013.

04.08.2017 Il-Qorti Kriminali ċaħdet ir-rikors tal-Avukat Ġenerali. Wara li qieset li l-ordni ta' tkeċċija ħarġet biss ftit wara li hija laqgħet it-talba biex Repan iħallas il-multa f'pagamenti rateali, u wara li qieset li jumejn oħra (06.08.2017) ser ikun skarċerat:

"*u l-Avukat Ġenerali issa jrid li din il-Qorti tirrovexxja din l-ordni bil-konsegwenza illi jerġa' jkun inkarċerat għal sena oħra*",

ikkummentat li:

*"Dan mhux aċċettabbli u din il-qorti mhux ser tkun parteċipi f' dawn l-azzjonijiet inumani u degradanti."*

04.08.2017 Repan ippreżenta rikors tal-appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

06.08.2017 Repan ġie skarċerat.

08.08.2017 <u>Repan impjega ruħu mas-soċjeta` Frank Salt (Real Estate) Ltd</u> għal perjodu definit ta' sena, bl-intiża li wara sena l-kuntratt jiġġedded "*by mutual agreement".*

**<u>Xiehda ta' Ryan Spagnol quddiem il-Bord:</u>**

9. Fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2017 xehed Ryan Spagnol (li huwa l-persuna li ffirmat l-ittra tal-25 ta' Lulju 2017 mibgħuta minn Identity Malta) quddiem il-Bord tal-Appelli. Huwa qal li <u>kien qed jidher f'isem id-Dipartiment għal</u>

Affarijiet dwar Ċittadinanza u Expatriates. Spjega li f' Lulju 2017 id-Dipartiment kien ġie infurmat li Vladimir Repan kien ser joħroġ mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, u li wara konsultazzjoni li saret mal-uffiċjal prosekutur u mal-Pulizija tal-Immigrazzjoni:

*"it was recommended to Identity Malta that the freedom of movement of appellant should be restricted on grounds of public policy and public security. In the letter dated 25th July 2017 reference was made to these two issues and quoting from the official decision, 'the decision is being taken in the light of your conviction on grevious offences related to the importation of drugs'".*

10. Mistoqsi in kontro-eżami jekk qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni kinitx saret konsultazzjoni ma' uffiċjali tal-ħabs, bħal ċertu Mariella Camilleri, jew Paul Debattista, huwa rrisponda fin-negattiv. Wieġeb:

***"The prison authorities just informed us that appellant was leaving prison and consultation was only carried out with prosecuting officer and immigration police".***

11. B'referenza għall-Artikolu 12(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17, u cioe` fejn hemm provdut li l-kundanni kriminali preċedenti ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea fihom infushom ma jikkostitwixxux bażi biex tittieħed deċiżjoni li tirristretta d-drittijiet ta' moviment liberu ta' tali ċittadin tal-Unjoni Ewropea, qal li skont hu, dan is-subartikolu jirreferi għal:

"*previous convictions which took place before the EU national started to exercise his freedom of movement in Malta*."

**Liġi rilevanti għall-vertenza odjerna.**

12. **Id-Direttiva 2004/38/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri, tipprovdi hekk fl-Artikoli 27 u 28 tagħha (enfażi ta' din il-qorti):

Artikolu 27 (Principji Ġenerali)

1. *Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-libertà ta' moviment u residenza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza, minħabba politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika. Dawn ir-raġunijiet m'għandhomx jiġu nvokati għal skopijiet ekonomiċi.*

2. ***Il-miżuri meħuda minħabba raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika għandhom ikunu skond il-prinċipju ta' proporzjonalità u għandhom ikunu bbażati esklussivament fuq il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat****. Kundanni kriminali preċedenti m'għandhomx minnhom infushom jikkostitwixxu raġuni biex jittieħdu dawn il-miżuri.*

   ***Il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat għandha tirrappreżenta theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li tolqot wieħed mill-interessi fondamentali tas-soċjetà.*** *Ġustifikazzjonijiet li huma iżolati mill-partikolaritajiet tal-każ jew li jiddependu fuq konsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni ġenerali m'għandhomx jiġu aċċettati.*

3. *Sabiex ikun aċċertat jekk il-persuna kkonċernata tirrappreżentax periklu għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika, fil-ħruġ taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew, fin-nuqqas ta' sistema ta' reġistrazzjoni, mhux aktar tard minn tliet xhur middata tal-waslien tal-persuna kkonċernata fit-territorju jew mid-data tar-rappurtaġġ tal-preżenza tagħha fit-territorju, kif previst fl-Artikolu 5(5), jew fil-mument li tinħareġ il-karta ta' residenza, l-Istat Membru ospitanti jista', jekk dan jitqies bħala essenzali, jitlob lill-Istat Membru ta' oriġini u, jekk hemm il-bżonn lill-Istati Membri oħra, biex jipprovdu informazzjoni dwar rekordji talpulizija preċedenti li jista' jkollha l-persuna kkonċernata. Dan l-istħarriġ m'għandux isir b'mod sistematiku. L-Istat Membru kkonsultat jista' jagħti r-risposta tiegħu fi żmien xahrejn.*

4. *L-Istat Membru li ħareġ il-passaport jew il-karta ta' l-identità għandu jħalli lit-titolar tad-dokument li tkeċċa minħabba politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika minn Stat Membru ieħor biex jerġa' jidħol fit-territorju tiegħu mingħajr xi formalità anke jekk id-dokument m'għadux validu aktar jew jekk iċ-ċittadinanza tat-titolar qed tiġi kkontestata.*

Artikolu 28 (Protezzjoni minn tkeċċija)

1. *Qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' tkeċċija minħabba politika pubblika jew sigurtà pubblika, l-Istat Membru ospitanti għandu jqis l-konsiderazzjonijiet bħat-tul tar-residenza ta' l-individwu kkonċernat fit-territorju tiegħu, l-età, l-istat ta' saħħa, is-sitwazzjoni familjari u dik ekonomika, integrazzjoni soċjali u kulturali fl-Istat Membru ospitanti u l-limitu tar-rabtiet tiegħu mal-pajjiż ta' oriġini.*

2. *L-Istat Membru ospitanti ma jistax jieħu deċiżjoni ta' tkeċċija kontra ċittadini ta' l-Unjoni jew il-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza, li għandhom id-dritt ta' residenza permanenti fit-territorju tiegħu, ħlief minħabba raġunijiet serji ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika.*

*3. Deċiżjoni ta' tkeċċija m'għandhiex tittieħed kontra ċittadini ta' l-Unjoni, <u>ħlief meta d-deċiżjoni hi bbażata fuq raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika</u>, kif imfissra mill-Istati Membri, jekk dawn:*

*(a) għexu fl-Istat Membru ospitanti għall-għaxar snin preċedenti; jew*

*(b) huma minorenni, ħlief jekk it-tkeċċija hi neċessarja għall-aħjar interessi tat-tifel/tifla, kif previst mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ta' l-20 ta' Novembru 1989.*

13. **Il-Liġi Sussidjarja 460.17** (<u>Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji tagħhom</u>), timplimenta il-fuq imsemmija Direttiva 2004/38/KE. Ta' rilevanza huma l-Artikoli 12, 13 u 14. Din il-Qorti ser tiċċita l-partijiet rilevanti minnhom (enfasi ta' din il-Qorti):

<u>Artikolu 12:</u>

*(1) Id-drittijiet imsemmija fl-artikolu 3(1)[3] għandhom jiġu ristretti permezz ta' deċiżjoni li tittieħed abbażi tal-policy pubblika, **dik ta' sigurta ` pubblika**, jew ta' saħħa pubblika:*

*Iżda dawk id-drittijiet m'għandhomx ikunu unikament ristretti biex iservu finijiet ekonomiċi.*

*(2) Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1):*

*(a) **<u>id-deċiżjoni rilevanti għandha tkun konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalita';</u>***

*(b) <u>id-deċiżjoni rilevanti għandha tkun esklużivament bażata fuq l-imġieba personali tal-persuna in kwistjoni, bla ħsara għall-fatt illi:</u>*

*(i) **<u>il-kundanni kriminali tal-persuna ma jikkostitwixxux, fihom infushom, ebda bażi biex tittieħed id-deċiżjoni rilevanti</u>**;*

*(ii) <u>l-imġieba personali tal-persuna in kwistjoni tippreżenta theddida ġenwina, preżenti u serja biżżejjed li taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjeta</u>`;*

*(iii) affarijiet isolati mid-dettalji tal-każ jew li għandhom x'jaqsmu ma' kunsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni ġenerali, ma jiġġustifikawx deċiżjoni rilevanti.*

.........

[3] Dħul, residenza u impieg f' Malta ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-familja tagħhom

Artikolu 13

*(1) Persuna li ttemm milli jkollha d-dritt li tirrisjedi bis-saħħa ta' dan l-Ordni jew li ssir piż raġonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali, tista' titneħħa minn Malta:*

*Iżda ordni ta' tneħħija m'għandhiex tkun konsegwenza awtomatika malli persuna tirrikorri għas-sistema ta' assistenza soċjali f' Malta:*

*Iżda wkoll bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni, m'għandux jinħareġ ordni ta' tneħħija fil-każ ta' persuna li tkun ħaddiem, jew li taħdem għal rasha, jew li qed tfittex ix-xogħol, li tista' tipprovdi evidenza li hi qed tkompli tfittex impieg u li għandha ċans ġenwin li tiġi impjegata, jew il-membri tal-familja ta' dawn il-persuni.*

*(2) Fil-każ li tittieħed deċiżjoni dwar it-tneħħija li tkun ibbażata fuq raġunijiet ta' policy pubblika jew ta' sigurta` pubblika, għandu jiġi tenut kont mill-Uffiċċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ta' għadd ta' konsiderazzjonijiet li jistgħu jinkludu:*

*(a) il-perjodu ta' residenza f' Malta tal-persuna li għandha titneħħa;*
*(b) l-eta` ta' dik il-persuna;*
*(c) l-istat ta' saħħa ta' dik il-persuna;*
*(d) is-sitwazzjoni tal-familja tiegħu u dik ekonomika;*
*(e) l-integrazzjoni soċjali u kulturali tiegħu f' Malta;*
*(f) l-estent tal-konnessjonijiet tiegħu mal-pajjiż ta' oriġini.*

*(3) M'għandhiex tittieħed deċiżjoni dwar it-tneħħija fil-każ ta' ċittadin tal-Unjoni u l-membri tal-familja tiegħu, irrispettivament miċ-ċittadinanza, li jkollhom dritt ta' residenza permanenti, ħlief għal raġunijiet serji ta' policy pubblika u ta' sigurta` pubblika.*

*(4) M'għandhiex tittieħed deċiżjoni dwar it-tneħħija kontra ċittadin tal-Unjoni, ħlief meta dik id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq motivi imperattivi ta' sigurta` pubblika, jekk dak iċ-ċittadin:*

*(a) ikun irrisjeda f' Malta għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas għaxar snin qabel dik id-deċiżjoni; jew*

*(b) ma jkunx għalaq l-eta` ta' tmintax-il sena kemm-il darba dik id-deċiżjoni ma tkunx meħtieġa fl-aħjar interess tiegħu.*

………

Artikolu 14

*(1) Id-Direttur[4] għandu jinforma lill-persuna li jkollha l-moviment liberu tagħha ristrett skont dan l-Ordni, jew li tkun ser titneħħa, bil-miktub u b'mod preċiż u komplet, bir-raġunijiet għal dik ir-restrizzjoni jew bir-raġunijiet għal dik it-tneħħija, li fuqhom tkun imsejsa d-deċiżjoni li tkun ittieħdet fil-konfront tiegħu,*

[4] Direttur għal Affarijiet dwar Cittadinanza u Expatriates

*hekk li din tkun tista' tiftiehem minn dik il-persuna, kemm-il darba dan ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurta` ta' Malta:*

*Iżda fejn applikabbli, l-imsemmija persuna għandha tkun infurmata biż-żmien permess biex titlaq minn Malta ħlief f' każijiet debitament sostanzjati ta' urġenza, iż-żmien permess biex titlaq minn Malta m'għandux ikun inqas minn xahar mid-data tan-notifika.*

*(2) Id-Direttur għandu jinforma lill-persuna msemmija fis-subartikolu (1), bil-miktub, bid-dritt ta' dik il-persuna li tressaq appell lill-Bord u bil-limitu ta' żmien għall-appell u l-Bord għandu jeżamina l-legalita` tad-deċiżjoni tat-tneħħija, kif ukoll il-fatti u ċ-ċirkostanzi li fuqhom hija bbażata l-misura proposta, jiżgura li d-deċiżjoni mhix sproporzjonata, partikolarment fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 13.*

*……….*

14. **L-Att dwar l-Immigrazzjoni** (Kap 217) jipprovdi hekk fl-Artikolu 25A(8):

*(8) Id-deċiżjonijiet tal-Bord[5] għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw appell bħal dak.*

**Konsiderazzjoni.**

15. Kuntrarjament għal dak li jargumenta d-Direttur appellat fir-risposta tal-appell dan huwa appell fuq punt ta' dritt (*ai termini* tal-Artikolu 25A(8) tal-Kap 217). Minn qari tar-rikors tal-appell hu evidenti li l-appellant qiegħed jilmenta dwar applikazzjoni ta' liġi b'mod żbaljat.

16. Fl-ittra tal-25 ta' Lulju, 2017 li ntbagħtet minn Identity Malta lill-appellant, saret riferenza għar-regolament 12 u 14(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17. L-appellant appella quddiem il-Bord wara li rċieva dik l-ittra, li fiha jingħad li l-appellant għandu jedd li jappella quddiem l-Immigration Appeals Board skont regolament 14(2) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja. Minn dak id-dokument hu evidenti li l-appellat ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li Rapan

[5] Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni

kien instab ħati li mporta d-droga f'Malta.

17. L-argument li agħmel Ryan Spagnol (rappreżentant tad-Direttur għal Affarijiet dwar Ċittadinanza u Expatriates) li fil-fehma tiegħu l-Artikolu 12(2)(b)(i) jirreferi għall-kundanni kriminali qabel mal-persuna (ċittadin tal-Unjoni Ewropea) bdiet teżerċita d-drittijiet tal-liberta tal-moviment f' Malta, m'hijiex ta' rilevanza għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri. Dak li hu kardinali hu li qabel jieħu d-deċiżjoni, l-appellat kellu jqies il-kwadru kollu tal-fatti u mhux jillimita ruħu għas-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-każ **Ir-Repubblika ta' Malta vs Repan** tat-2 ta' Ottubru, 2013.

18. Huwa minnu (kif jargumenta d-Direttur fir-risposta tal-appell tiegħu) li ma jeżisti l-ebda obbligu speċifiku impost fuqu mil-liġi li huwa jikkomunika mad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, iżda ladarba skont l-Artikolu 12(2)(b)(i) huwa kien obbligat li jqies il-fatti kollha oltre l-kundanna kriminali tiegħu, u ladarba fid-data meta ħarġet l-ordni Repan kien għadu inkarċerat, mela allura ċertament li kien jinkombi fuqu li jikkomunika ma' xi uffiċjali tal-ħabs sabiex jinforma ruħu iktar u iktar meta tqies li kien ilu erba' snin igħix hemm. Il-preambolu stess tad-Direttiva 2004/38 jipprovdi:

*"(23) Expulsion of Union citizens and their family members on grounds of public policy or public security is a measure that can seriously harm persons who, having availed themselves of the rights and freedoms conferred on them by the [EC] Treaty, have become genuinely integrated into the host Member State.* ***The scope for such measures should therefore be limited in accordance with the principle of proportionality to take account of the degree of integration of the persons concerned, the length of their residence in the host Member State, their age, state of health, family and economic situation and the links with their country of origin****".*

19. Il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, konsegwentement, kien ukoll żbaljat meta kkonkluda li d-Direttur applika il-liġi korrettement.

20. B'riferenza għall-Artikolu 12(2)(b)(i) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17 (li jistipula li kundanni kriminali fihom infushom ma jikkostitwixxux bażi biex tittieħed deċiżjoni li tirristringi l-moviment liberu ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea) il-Bord qal li dan ma jfissirx li l-iStat Membru għandu jqis unikament l-imġieba personali tal-persuna **waqt u wara** l-inkarċerazzjoni ad esklużjoni

tal-imġieba tagħha **qabel** l-inkarċerazzjoni, cioe` meta kienet involuta f'attivita` kriminali li wasslet għall-sejbien ta' ħtija u kundanna għal disa' snin priġunerija. Pero' mbagħad ma kkummentax fuq il-fatt li d-Direttur effettivament qies unikament l-imġieba personali ta' Repan **qabel** u ma kkunsidrax l-imġieba tiegħu **waqt** l-inkarċerazzjoni (sad-data tad-deċiżjoni Repan kien għadu inkarċerat).

21. Fid-deċiżjoni l-Bord irrefera għas-sentenza **C-145/09 Land Baden-Württemberg vs Panagiotis Tsakouridis,** tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan il-każ kien jirrigwarda persuna ta' nazzjonalita` Griega li tgħix il-Ġermanja, u li fil-konfront tagħha kienet ittieħdet deċiżjoni ta' tkeċċija wara kundanna kriminali ta' ħames snin minħabba li kien, "*dealing in narcotics as part of an organized group*". L-Administrative Court of Stuttgart kienet annullat id-deċiżjoni, għaliex dehrilha li Tsakouridis kien jikkwalifika għall-protezzjoni taħt l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38/EK. Il-Higher Administrative Court of Baden-Württemberg, fil-mori tal-proċeduri tal-appell agħmlet riferenza lill-Qorti tal-Ġustizzja fejn staqsiet x'għandu wieħed jifhem bil-frażi, "*raġunijiet imperattivi ta' sigurta` pubblika*" fl-Artikolu 28(3).

22. Il-Qorti tal-Gustizzja wieġbet:

*"Should the referring court conclude that the Union citizen concerned enjoys the protection of Article 28(3) of Directive 2004/38, that provision must be interpreted as meaning that the fight against crime in connection with dealing in narcotics as part of an organised group is capable of being covered by the concept of 'imperative grounds of public security' which may justify a measure expelling a Union citizen who has resided in the host Member State for the preceding 10 years.*

*Should the referring court conclude that the Union citizen concerned enjoys the protection of Article 28(2) of Directive 2004/38, that provision must be interpreted as meaning that the fight against crime in connection with dealing in narcotics as part of an organised group is covered by the concept of 'serious grounds of public policy or public security."*

23. Għalhekk il-qorti ddeterminat li, "*the fight against crime in connection with dealing in narcotics as part of an organised group*":

- tista' tinkwadra taħt "*serious grounds of public policy or public security*"

("raġunijiet serji ta' politika pubblika jew ta' sigurta` pubblika") ai termini tal-Artikolu 28(2),

- u tinkwadra taħt "*imperative grounds of public security*" ("raġunijiet imperattivi ta' sigurta` pubblika") ai termini tal-Artikolu 28(3).

24. Id-disposizzjoni li tapplika fil-każ ta' Valdimir Repan, li ma kienx ilu jgħix Malta għal aktar minn għaxar (10) snin, huwa l-**Artikolu 28(2).**[6] Għalhekk sabiex jitlef id-dritt kien hemm bżonn ta, "*serious grounds of public policy or public security*".

25. Dik l-istess qorti qalet li l-ġlieda kontra r-reati ta' traffikar organizzat ta' droga tinkwadra taħt, "*serious grounds of public policy or public security*" taħt l-Artikolu 28(2). Il-CJEU pero` enfasizzat:

"*48. It should be added that Article 27(2)*[7] *of Directive 2004/38 emphasises that the conduct of the person concerned* ***must represent a genuine and present threat to a fundamental interest of society or of the Member State concerned****, that previous criminal convictions cannot in themselves constitute grounds for taking public policy of public security measures, and that justifications that are isolated from the particulars of the case or that rely on considerations of general prevention cannot be accepted."*

*49. Consequently,* ***an expulsion measure must be based on an individual examination of the specific case****….*

26. F'sentenza oħra tal-istess qorti (Grand Chamber) tat-22 ta' Mejju, 2012 fil-każ **P.I. v Oberburgermesiterin der Stad Remshceid**, fil-parti dispożittiva ntqal:

*"The issue of any expulsion measure is conditional on the requirement that the personal conduct of the individual concerned must represent* ***a genuine, present threat affecting one of the fundamental interests of society or of the host Member State, which implies, in general, the existence in the individual concerned of a propensity to act in the same way in the future.*** *Before taking an expulsion decision, the host Member State must take account of considerations such as how long the individual concerned has resided on its territory, his/her age, state of health, family and economic situation, social and cultural integration into that State and the extent of his/her links with the country of origin".*

[6] L-artikoli korrispondenti għall-Artikoli 28(2) u 28(3) tad-Direttiva 2004/38/KE huma l-Artikoli 13(3) u 13(4) tal-Liġi Sussidjarja 460.17 rispettivament.
[7] L-artikolu korrispondenti għall-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/38/KE huwa l-Artikolu 12(2) tal-Liġi Sussidjarja 460.17.

Fil-parti tal-motivazzjoni ntqal ukoll li:

*"Lastly, as is clear from the terms in which Article 28(1) of Directive 2004/38 is couched, before taking an expulsion decision on grounds of public policy or public security, the host Member State must take account of considerations such as how long the individual concerned has resided on its territory, his/her age, state of health, family and economic situation, social and cultural integration into that State and the extent of his/her links with the country of origin"*.

27. Id-Direttur għal Affarijiet ta' Ċittadinanza u Expatriates f'dan il-każ ibbaża d-deċiżjoni tiegħu biss fuq il-fatt li Repan kien instab ħati ta' importazzjoni ta' droga f'Malta. Ma sar l-ebda eżerċiżżju biex jiġi determinat jekk attwalment l-appellant huwiex theddida ġenwina u attwali għall-interess tas-soċjeta f'Malta. Għalhekk id-deċiżjoni ittieħdet bi ksur tad-Direttiva 2004/38/KE u tal-Liġi Sussidjarja 460.17 li timplimenta tali direttiva. Kien żbaljat għalhekk il-Bord meta ddikjara li, "*it is the Board's firm view that the Director applied the applicable legislation correctly"*. Dan żgur li ma kienx il-każ.

28. Ġialadarba hu evidenti li l-appellat ma qiesx il-fatti kollha relatati ma' dan il-każ, ma kien qatt possibbli għalih li jasal għal deċiżjoni bażata fuq dak li jrid ir-regolament 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tas-26 ta' Diċembru 2017 u d-deċiżjoni tal-appellat tal-25 ta' Lulju 2017. L-appellat għandu jikkunsidra mill-ġdid il-każ a bażi ta' dak li ngħad f'din is-sentenza.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellat.**

Anthony Ellul.